# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' Settembru tas-sena 2001.**

**Numru 24**

**Avviz numru 1026/00/SM**

**Emmanuel Vella & Sons Ltd.**

**vs**

**Victor Azzopardi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 t'Awissu tas-sena 2000, li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut fuq indikat biex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM506 rapprezentanti ammont li ghadu dovut minnu ghal servizzi rezi debitament esekwiti a beneficcju u fuq inkariku tieghu;**

2. **Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficcjali datata 10 ta' Dicembru 1999 u ta' Mandat ta' Qbid**

**numru 952/00CD u bl-interessi legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata s-26 t'Ottubru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Il-kontendenti ma ftehmux il-prezz tas-servizz qabel sar ix-xoghol u l-ammont li s-socjeta' attrici qed tipprentendi minghand l-eccipjent bhala hlas ta-servizz li rrendietlu huwa arbitrarju u esagerat;**

2. **Is-socjeta' attrici ma accettatx l-ammont ta' mitejn u hamsin lira (LM250) li l-eccipjent ried ihallas ghas-saldu tal-pretensjoni attrici ghad illi dan l-ammont kien ragonevoli u konformi mas-servizz li nghata mis-socjeta' attrici;**

3. **Fi kwalunkwe kaz, l-eccipjent m'ghandux ibati spejjes;**

4. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:**

1. **Illi s-socjeta' attrici effettwat xoghol ta' garr ta' makkinarju u ghoddod fl-1999 fuq struzzjonijiet tal-konvenut peress li dan ried jiehu dawn l-affarijiet minn San Gwann ghall-Imriehel;**

2. **Illi l-garr de quo sar f'fazijiet differenti u l-ammont mitlub mis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol jirrizulta li hu ghal zewg okkazzjonijiet li**

fih garrew dawn il-makkinarju u ghodda mill-konvenut;

3. Illi qabel ma gie effettwat il-garr de quo, rapprezentant tas-socjeta' attrici kien mar jispezzjona x-xoghol u l-postijiet minn fejn u ghal fejn kellhom jingarru;

4. Illi irrizulta li l-garr de quo kien involva "crane", trakkijiet u hafna nies;

5. Illi fl-ewwel okkazzjoni l-partijiet kienu wkoll qabblu fuq prezz ghall-garr;

6. Illi rrizulta li kien hemm xoghol iehor x'jingar u dan ma kienx kopert bil-ftehim fuq riferit;

7. Illi effettivament il-garr de quo sar fi tlett (3) darbiet separati;

8. Illi rrizulta wkoll li l-garr effettiv kien inkluda oggetti ohra oltre l-magni u l-ghodda;

9. Illi l-ahhar zewg fazijiet minn tlieta li fihom sar il-garr la thallsu u lanqas sar ftehim fuqhom;

10. Illi meta rapprezentant tas-socjeta' attrici mar jipprotesta mal-konvenut ghaliex dan kien qed jirrifjuta jhallas, il-konvenut jidher li kien informah li kien irid ihallas kont wiehed biss u mhux il-valur kollu tax-xoghol involut;

11. Illi ghalhekk qed issir din il-procedura;

Ikkonsidrat:

Illi minn analizi tal-fatti fuq indikati jidher ovvju li l-konvenut ried jinnegozja l-kwantum involut wara li x-xoghol gie effettwat ghas-sodisfazzjon tieghu;

Illi atitudini bhal din hi ferm perikoluza u ghandha tkun skonsiljata stante li l-konvenut ma jkollu l-ebda "bargain position" fir-rigward;

**Illi jidher car li l-ammont attwalment mitlub mis-socjeta' attrici jimxi fuq l-istess binarju valutattiv ta' l-ewwel ammont imhallas mill-istess konvenut lill-istess socjeta' attrici;**

**Illi ma jirrizultax li hemm hwejjeg daqshekk gravi li jimmilitaw favur il-konvenut;**

**Ghaldaqstant filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici bl-ispejjez u tordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' Emmanuel Vella & Sons Limited l-ammont ta' hames mija u sitt Liri Maltin, (LM506.00,0), bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**